**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 206/13 AL

A B

vs

Avukat Dottor Joseph Ellis u l-PL Victor Bugeja b'digriet tat-8 ta' Jannar 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti C D E persuna ta' nazzjonalita Russa

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hamsa (2005) fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta skont kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn esebit, anness u mmarkat Dok. 'A' ;
2. Illi mill-unjoni ta' bejn il-partijiet ma twieldux tfal ;
3. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi referibilment l-

abbandun tal-intimata li circa sitt (6) snin ilu telqet mid-dar matrimonjali lura lejn pajjizha u ma rritornatx lura u dan ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

4. Illi l-attur ilu sa miz-zmien illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali ma jisma b'ahbarha u ma ghandu ebda kuntatt maghha jew ma familjari taghha ;
5. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi illum il-gurnata l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u ma tezizti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;
6. Illi l-attur qieghed jitlob sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg iccelebrat bejn l-partijiet nhar it-3 ta' Gunju, 2005 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre sabiex dina il-Qorti tiddisponi mutatis mutandis ai termini tal-Artikolu 66D (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mit-talbiet imressqa mill-attur, liema talbiet huma ai termini tas-Sub titolu III tat-Titolu I tal-Ewwel ktieb tal-16 tal-Ligijiet ta' Malta mahsuba illi jistghu isiru f'kawza ta' separazzjoni personali u jinghataw id-disposizzjonijeit kollha sussegwenti necessarji u ancillari ;
7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti di xjenza propria ;

Talab in vista ta' dak kollu premess li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi;
2. Tapplika kontra l-intimata l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbilit fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Gunju, 2005 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tiddikjara illi l-intimata ddekadiet mill-fakulta li titlob u/jew tircievi xi forma ta' manteniment u dan ghar-ragunijiet kif premessi;

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe proprjeta komuni ohra ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
6. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti jew b'xi mod iehor komproprjeta taz-zewg partijiet f'zewg ishma illi in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess;
7. Tassenja lill-attur il-beni parafernali tieghu u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-intimata tirritorna l-beni kollha parafernali tal-attur jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;
8. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u PL Victor Bugeja, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u PL Victor Bugeja;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali u talba ghal divorzju bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh fit-3 ta' Gunju 2005. Min-naha tieghu, l-attur qieghed jghid li z-zwieg tkissier irrimedjabbilment ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenuta senjatament l-abbandun. Il-konvenuta llum hija assenti kif rapprezentata mill-kuraturi deputati.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Verzjoni tal-attur</u>**

L-attur xehed permezz ta' affidavit[1] u fih ta id-dettalji kollha taz-zwieg tieghu u l-mod li bih tkisser. Huwa jghid li ltaqa' ma' C D E meta kienet Malta fuq btala ghas-sena 2004 u kienu ltaqghu f'bar f'Paceville, hi telqet lura lejn ir-Russja izda zammew kuntatt bit-telefon. Huwa kien baghtilha flus biex tkun tista' tixtri l-biljetti tal-ajru sabiex huma jkunu jistghu jghixu l-gherusija taghhom, u kienet ukoll inhargitilha visa ghal xahrejn u ma' l-iskadenza kienet tmur lura pajjizha u tigi lura skond il-perjodi tal-visa taghha. Meta kienet tigi Malta kienet toqghod fil-propjeta' li kien jikri l-attur f'San Pawl il-Bahar. Izda darba tawha visa ta' xi disa' gimghat u kienu izzewgu fit-3 ta' Gunju 2005, izda darba fost l-ohrajn fis-sena 2007 l-attur mar lura d-dar

[1] Ezebit a fol 32 tal-process

wara x-xoghol u ma sabx lill-mara tieghu hemm, kienet hadet l-affarijiet personali taghha u telqet, u wara xi jiem kienet cemplitlu u qaltlu li telqet lura f'pajjizha. Hu jghid li dan kien l-ahhar kuntatt li kellu maghha.

## **Provi migbura quddiem il-Qorti**

Il-Qorti tirrileva li ghajr l-affidavit tal-attur li huwa l-prova principali koncernanti t-tifrik taz-zwieg, l-unika prova li gab l-attur huwa zewg xhieda biex jaghtu informazzjoni dwar meta kien l-ahhar li l-konvenuta telqet mill-pajjiz. Senjatament senjatament jixhed Bernard B mill-Ufficcju tal-Passaporti[2] li ma jaghti l-ebda informazzjoni rilevanti ghall-kaz odjern, stante li skond hu l-konvenuta ma kellhiex passaport Malti. Jixhed ukoll l-Ispetter Mario Haber[3] li jikkonferma dak li jghid l-attur fl-affidavit tieghu li l-ewwel darba li l-konvenuta dahlet Malta kien fis-sena 2004 izda l-ahhar darba li harget minn Malta kien fis-26 t'April 2007, u salv li ma dahlitx minn xi zona tax-Schengen , ma kienx hemm movimenti ohra taghha mir-Russja ghal Malta. Huwa jipprezenta wkoll dokumenti li juru l-konferma tad-dhul u l-hrug taghha minn Malta[4].

## **Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg**

Fir-rikors guramentat u fl-affidavit tieghu u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu[5] l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghal separazzjoni fuq l-abbandun min-naha tal-konvenuta. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

---

[2] Ara fol 38 tal-process, xhieda datata 24 ta' Gunju 2014

[3] Ara fol 41 tal-process xhieda datata 5 ta' Novembru 2014

[4] Dok MH1 ezebit

[5] Prezentata a fol 61 tal-process

"*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*.

Permezz tal-affidavit tieghu, l-attur jiddikjara li l-konvenuta telqet Malta ghal dejjem u infurmatu bl-intenzjoni taghha li ma tirritornax Malta fis-26 t'April 2007. Din il-kawza giet intavolata fit-3 t'Ottubru 2013 u ghalhekk wara s-sentejn li jsemmi l-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u s-sitwazzjoni matrimonjali fil-kaz in ezami fil-gurnata odjerna ma nbidlitx u l-abbandun ghadu jissussisti anke pendenti dawn il-proceduri, wara li ghadda t-terminu operattiv tas-sentejn imsemmi fil-Ligi.

Il-konvenuta qabdet u arbitrarjament telqet mid-dar matrimonjali u ilha ghalhekk nieqsa minn din id-dar matrimonali sa mis-sena 2007. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kontrarja ghal dak li qed isostni l-attur u tiddikjara wkoll li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex fic-cirkostanzi taghti kredibilita' shiha lill-verzjoni tal-attur. Il-konvenuta lanqas ma ressqet prova sodisfacjenti li jirrendu l-abbandun taghha mid-dar matrimonjali bhala wiehed legali jew ghal xi raguni validu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, u wara li qrat l-affidavit tal-attur, li ma hux kontraddett mill-konvenuta, tara li jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment tort tal-konvenuta minhabba abbandun.

**<u>Dwar id-dekadenza tal-konvenuta</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-konvenuta hija hatja ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat il-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" minhabba l-abbandun totali li hija ikkomettiet u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi applikat kontra l-istess konvenuta l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra, m'hemm l-ebda prova dwar ix-xenjari jew ic-cirkustanzi msemmija fl-Artikolu 40 u ghalhekk, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta.

**<u>Dwar it-talba ghad-divorzju bejn il-partijiet</u>**

Illi jirrizulta ampjament li l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin *de facto* separati minn xulxin u dan senjatament kif ippruvat mill-attur illi l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u

marret lura f'pajjizha f'April tas-sena 2007, allura l-fuq minn tmien snin ilu. Ma jirrizultax lanqas li kien hemm xi talba ghal manteniment u allura ma hemmx manteniment x'jithallas bejn il-partijiet u jirrizulta wkoll mix-xiehda tal-attur li l-partijiet mhux se jirrikonciljaw bejniethom u dan kif ukoll indikat mill-attur li l-ahhar li sema' minghand il-konvenuta kien fis-sena 2007 meta hija infurmatu li mhux se tirritorna izjed lejn Malta. Ghalhekk peress li jissussistu r-rekwiziti ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din it-talba jisthoqqilha li tigi milqugha.

**<u>Dwar id-dekandenza tal-intimata li titlob jew tircievi xi forma ta' manteniment</u>**

Illi l-Qorti diga' ghamlet l-osservazzjonijiet taghha ghar-rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-dekadenza tal-intimata hija wahda mill-penalitajiet imnizzla fl-istess artikolu tal-Ligi u ghalhekk, peress li qed tigi attribwit t-tort ta' din is-separazzjoni personali lill-konvenuta, din it-talba jisthoqqilha akkoljiment.

**<u>Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti</u>**

Illi l-attur ma gab l-ebda prova ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti kif ikkonfermat minnu stess, anke fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnu, li fil-fatt ma jezistu l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti, ghalhekk il-Qorti ma tistax taghmel l-ezercizzju li taqsam l-istess komunjoni, madanakollu din it-talba jisthoqqilha akkoljiment in kwantu li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xolta.

**<u>Dwar it-talba li l-beni parafernali ghandhom jigu irritornati lill-attur</u>**

Illi l-attur ma gab l-ebda prova li ghandu xi propjeta' parafernali u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti tal-konvenuta;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tordna d-dekadenza tal-konvenuta mill-jeddijiet konjugali kif stabbiliti fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tippronunzja d-divorzju bejn l-partijiet u tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Gunju 2005 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba talba u tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mill-fakulta li titlob u/jew tircievi xi forma ta' manteniment;

5. Tilqa' limitatament il-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` talba;

8. Tilqa' t-tmien talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati biex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta, b’dan illi provvizorjament, l-attur ghandu jhallas l – ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.